# ILMA GĦALL-ĦAJJA
## Miċ-Ċumnija għal ġol-Bir

L-Għaqda Dinjija tal-Ikel u l-Agrikoltura, l-FAO, għall-Jum Dinji tal-Ikel ta' din is-sena, għażlet bħala tema "Ilma għall-ħajja".

L-ilma jagħti l-ħajja; l-ilma jmantni l-ħajja. L-ilma huwa indispensabbli għall-ħajja tal-bniedem, tal-bhejjem u tal-ħxejjex kollha. L-ilma hu meħtieġ għal kull tip ta' ħajja. L-iżvilupp tal-ambjent naturali, soċjali u ekonomiku jiddependi mill-ilma.

Il-kelma 'ilma' fiha nfisha tfisser l-Omm, il-Ma, l-Omm ta' kull ħajja, l-Omm ta' kollox.



*Il-Madonna ta' l-Għar li taħtha hemm l-ilma.*

Hawnhekk nista' nara tixbiha ċara tal-Madonna, Omm Alla l-Ħallieq ta' kollox u Ommna Marija, Omm il-bnedmin kollha, Omm l-aktar safja, Omm li l-frott tal-ġuf tagħha saffa d-dinja mill-ħażin u t-telfin.

Mingħajr ilma, bil-ħela tal-ilma, bl-użu ħażin tal-ilma, din il-għajn tal-ħajja, nkunu qisna iltima, trabi bla Omm. In-nuqqas tal-ilma jhedded l-ħajja għax tiġi mheddha il-produzzjoni tal-ikel permezz tal-biedja; għax tiġi mheddha s-saħħa mill-mard; għax jiġi mhedded l-iżvilupp industrijali li minnu l-għixien tal-bniedem sar jiddependi; għax jiġi mhedded l-ambjent naturali.

"Kull qatra tgħodd", tgħid it-tema tal-Kampanja tal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma. Il-bidwi Malti, llum, fehem tajjeb dan l-islogan għax aktar minn 1500 bidwi adottaw is-sistema ta' tisqija "bil-qatra" jew "id-drip". Iżda żgur li f'dan il-qasam ħadd majista' jgħid "issa wasalt fil-quċċata, ma nista' nagħmel xejn iżjed. Biżżejjed wieħed iħares lejn l-aħbarijiet sabiex jinduna x'disastru jista' jġibin-nuqqas ta' ilma u l-użu ħażin ta' l-ilma, kif ġara fir-Ruwanda, fejn intilfu u qed jintilfu mijiet ta' eluf ta' ħajjiet. Għalhekk hemm bżonn li dejjem naħsbu, u nġibu 'l min jaħseb, ninvestu u nġibu 'l min jinvesti sabiex nipproduċu aktar ilma u sabiex jiġi mqassam b'aktar effiċjenza.



Hemm bżonn urġenti li kull bniedem jifhem li l-ilma huwa materja li wieħed irid jaħdem sabiex jakkwistaha u li kulħadd irid jindukkraha sabiex ma tinħelhiex u ma tkunx ta' ħsara għal bniedem.

Wieħed jista' jaħseb li l-ilma hu riżors li jiġġedded, għax permezz taċ-ċiklu ta' l-ilma (ix-xemx tixrob l-ilma mill-ibħra, xmajjar, għadajjar, siġar u pjanti, jifformaw is-shab, tagħmel ix-xita u s-silġ li jerġgħu jfornu x-xmajjar, l-għadajjar, s-siġar u pjanti kif ukoll l-ilma ta' taħt l-art u l-ibħra bl-ilma); ma hux infinit.

Dan, l-aktar għx matul iż-żmienijiet il-ħażniet tal-ilma fid-dinja bdew jintużaw b'rata aktar mgħaġġla milli bdew jiġu fornuti mix-xita u billi ħafna ħażniet, bħal ma huma xmajjar , għadajjar u għejjun minn taħt l-art ġew kontaminata u mħassra bl-iskart mhux imsoffi li ntefa' fihom.

Barra minn hekk il-popolazzjoni żdiedet, l-użu tal-ilma fil-biedja żdiet, sabiex il-produzzjoni tal-ikel tlaħħaq maż-żidiet fil-popolazzjoni; aktar nies marru jgħixu fl-ibliet fejn għandhom bżonn ta' aktar ilma. Mill-1950 sal-lum id-domanda għall-ilma aktar milli ttripplat fid-dinja u kull persuna illum tuża madwar 50% aktar ilma.



B'hekk inħolqot kompetizzjoni qawwija għall-ilma bejn l-agrikoltura, l-industrija, t-turiżmu u l-użu domestiku. Fejn diversi pajjiżi jaqsmu r-riżorsi tal-ilma, inħolqu ħafna konfflitti li ġieli wasslu għal gwerer. Wieħed għalhekk irid jifhem li l-użu ħażin tal-ilma jew kontaminazzjoni tal-ilma minn wieħed jaffettwa lill-ieħor.

Għalhekk nħasset il-ħtieġa li jinħoloq pjan organiku għall-ilma. Dan il-pjan ma jinkludix biss pjan dwar l-użu sostenibbli tal-ilma naturali iżda wkoll tiftix ta' sorsi alternattivi ta' l-ilma.

Sors evidenti u mportanti huwa, bla dubju ta' xejn, il-baħar. Hawn ma nistax ma niftakarx x'qal poeta Ingliż "ilma, ilma kullimkien, iżda anqas qattra x'tixrob". It-teknoloġija iżda sabet tarf kif tiddistilla l-ilma baħar u tneħħilu l-melħ. Malta kienet fost l-ewwel pajjiżi fid-dinja li kellha tibda tagħmel dan. Illum madwar nofs il-produzzjoni kollha tal-ilma hija desallinata mill-ilma baħar permezz tat-



teknoloġija msejħa "Reverse Osmosis" teknoloġija l-aktar moderna u effiċjenti. Fost dawn l-impjanti hemm dak taċ-Ċirkewwa fil-Mellieħa.

Sors ieħor huwa l-ilma tad-drenaġġ. It-tisfija tal-ilma tad-dranaġġ wkoll hija teknoloġija ġdida. Din it-teknoloġija toffri żewġ vantaġġi. L-ewwel, biha jitnaqqas it-tniġġiż tal-ibħra, tax-xmajjar, tal-għadajjar u tal-ilmijiet ta' taħt l-art. It-tieni, t-tisfija tad-dranaġġ toffri sors ġdid ta' ilma għall-użu fil-biedja, fl-industrija u possibilment sabiex infornu mill-ġdid il-ħażniet tal-ilma ta' taħt l-art, l-ispieri u l-bjar.



Fl-1984 ġie mibni l-impjant tat-tisfija tad-dranaġġ ta' Sant Antnin. L-ilma prodott minn dan l-impjant jintuża primarjament għat-tisqija (90%) u ftit fl-industrija (10%).

L-użu għat-tisqija jvarja minn 1000 metru kubu f'Jannar u 200,000 metru kubu f'Settembru. Il-produzzjoni tal-ilma mill-impjant żdiedet minn 372,000 metru kubu fl-1984 sa 1,703,000 metru kubu fl-1991.

Il-kwalità tal-ilma kien kważi dejjem sodisfaċenti, b'mluħa ta' madwar 3,500/cm. Madwar 120 ettaru jissaqqew regolarment u hemm madwar 120 ettaru ieħor u jistgħu jissaqqew kif titjib is-sistema tad-distribuzzjoni.



Il-produzzjoni agrikola żdiedet ħafna fl-inħawi u l-ambjent ħa xejra ta' ġnien.

L-impjant illum jipproduċi 12,000 metru kubu kuljum.

Il-pjan tal-Gvern dwar id-dranaġġ jipproponi li jitwaqqfu numru ta' impjanti tat-tisfija tad-dranaġġ fis-snin li ġejjin sabiex ma jintremix aktar dranaġġ fil-baħar li ma jkunx ġie ittrattat. Wieħed minn dawn l-imojanti proposti huwa maħsub li jsir fiċ-Ċumnija l-Mellieħa. Dan l-impjant huwa maħsub li sejjer jipproduċi 6,000 metru kubu ta' ilma kulljum. B'dan l-ilma jista' jissaqqa madwar 100 ettaru jew madwar 1,00 tomna raba bejn Marfa Ridge u l-Mellieħa Ridge. Huwa maħsub li fis-xitwa meta ma jkunx hemm bżonn ta' tisqija l-ilma fkok jintrema l-baħar jiġi ippumpjat fl-ispieri sabiex inaqqas l-imluħa fl-ilma ta' taħt l-art u jnaqqas il-pressjoni tal-ilma baħar.

Iċ-Ċumnija ntgħażlet sabiex isir l-impjant għal-diversi raġunijiet fosthom għax id-dranaġġ diġa 'jasal sa hemm peress li minn hemm jintrema l-baħar. B'hekk ħafna mis-sistemi tad-dranaġġ li hemm illum jistgħu jintużaw u b'hekk jiġu iffrankati ħafna flus li jistgħu jintużaw sabiex jitjiebu s-sistemi preżenti li jkunu jistgħu jgħinu sabiex l-ilma jitqassam aħjar.




Is-sistema li bih jiġi msoffi d-dranaġġ tissejjaħ "activated sludge method". Din is-sistema toffri vantaġġi fuq sistemi oħra.

Id-dranaġġ kif jasal fl-impjant jitħalla jgħaddi minn vaska għal-oħra sabiex il-materjal solidu li jkun fil-wiċċ joqgħod fil-qiegħ. Bħal moxtijiet kbar ineħħu materjal solidu li jkun fil-wiċċ jew sospiż fl-ilma. Wara dan tiġi ippumpjata l-arja fid-dranaġġ. Din l-arja tgħin sabiex il- mikrobi tajba, biex insejhulhom hekk jieklu l-mikrobi l-ħżiena. L-arja tgħin sabiex il-mikrobi t-tajba jkunu jistgħu jgħixu u jirriproduċu lilhom nfushom. B'hekk l-ammonja fid-dranaġġ




jinbidel f'nitrat. Wara l-ilma jiġi iffiltrat u disinfettat sabiex jitqassam għat-tisqija bla ebda restrizzjoni dwar xi prodotti jitkabbru.

B'hekk il-ħażin jinbidel fit-tajjeb. Minn skart sar ilma għall-ħajja. Il-bniedem bib-don ta' l-għerf li tah Alla skopra li hu jista' jagħmel bħal eżorċiżmu sabiex jitkeċċa x-xitan u jsaltan it-tajjeb. Jekk il-bniedem jiddjaloga man-natura u jikkopera magħha kapaċi jagħmel il-mirakli, l-istess mirakli li għamel Kristu. L-ewwel wieħed bis-suġġeriment tal-Omm Marija, jixbaħ ħafna lil dan il-miraklu tat-tisfija tad-dranaġġ. L-istess kif l-ilma inbidel f'inbid, id-dranaġġ jinbidel f'ilma. Kif imbid ta l-ilma lit-Tieġ ta' Kana, l-ilma jagħti l-ħajja lill-ambjent tal-Mellieħa.

Ġesù, meta ikkalma t-tempesta, lil-ilma baħar kellmu bil-ħlewwa bħal li kieku kien qed jitkellem ma l-istess dixxipli tiegħu, il-kollaboraturi tiegħu. Ġesù ma jqis li l-baħar hu l-għadu tiegħu li miegħu kien hemm bżonn li jiġġieled. Gesù jħares lejn il-baħar u fih jara ħabib li permezz tiegħu setgħa jaqsam għax-xatt l-ieħor. Għalhekk Ġesù jikkalma l-baħar li jerġa jaqdi d-dmir tiegħu ta' triq li minnha jgħaddi Ġesù sabiex jagħti l-ħajja. L-istess irid jagħmel l-bniedem ma għandux iħares lejn id-dranaġġ bħala għadu, anżi bħala ħabib li kapaċi jipprovdilu ilma li jagħti l-ħajja.

Niftakar li l-ewwel darba li ltqajt mal-perit Joe DeGaetano li kien inkarigat mid-dranaġġ u li kien entużjat ħafna fuq il-proġetti tat-tisfija tad-dranaġġ qalli "It may sound shit to you, but it's my bread and butter". Dan il-kliem baqa' dejjem f' moħħi

Il--bnedmin kollha huma msejħa sabiex jiddjalogaw man-natura sabiex din minn naħa tagħha tgħinha





sabiex jinħoloq il-ġid u sabiex ilkoll flimkien nippartecipaw fil-għoti tal-ħajja.

Il-post fejn sejjer jinbena l-impjant huwa blat imħarbat għax ħafna materjal ġie mormi hemm. B'dan l-impjant iżda, ħafna mill-blat l-imħarbat ta' bejn l-impjant u l-baħar sejjer jiġi re-abilitat u mnaddaf. Id-dranaġġ mhux sejjer jintrema aktar il-baħar u b'hekk il-ħmieġ kemm iċ-Ċumnija kif ukoll Anchor Bay propju jsiru bajjiet nodfa. Anke Għajn Tuffieħa ħu maħsub li tibbenifika għax il-ħmieġ ma jinġarx 'l hemm bill-kurrent. Madwar l-impjant jistgħu jitħawlu siġar u jiġi ikkrejat speċi ta' bosk żgħir li jkun jista' jissaqqa u jiddemmel mill-impjant.

Id-Dipartiment tal-Agrikoltura għadu kemm lesta survey dwar il-bdiewa u r-raba li għandhom fl-inħawi. Minn dan is-survey irriżulta li hemm madwar 100 bidwi li jaħdmu madwar 950 tomna. Minn 950 tomna biż-żieda tal-ilma huwa mistenni li l-produzzjoni tiżdied ħafna fl-inħawi.

Il-valur tal-produzzjoni b'riżultat tat-tisqija bl-ilma mill-impjant huwa ikkalkulat li jlaħħaq mall- miljun lira fis-sena. Dan ifisser dħul aktar għall-bidwi Mellieħi.

L-FAO tqis li jekk hemm aktar minn 600 ruħ għal kull miljun metru kubu ta' ilma, il-pajjiż jkun qed ibati minn nuqqas ta' ilma. Dan ifisser li f'Malta hemm bżonn ta' 600 miljun metru kubu ta' ilma. Il-produzzjoni tal-ilma f'Malta hija biss ta' 37 miljun metru kubu fis-sena. Għalkemm din il-figura ma tinkludix l-ilma li jintuża fil-biedja xorta waħda jidher li f'Malta ta' b'xejn li aħna nużaw kull sors ta' ilma nutilizzawh. Kull qatra tgħodd.

**Franco Serracino Inglott**
**Direttur ta' l-Agrikoltura**

---

*Riferenzi:*

FAO: *Theme for World Food Day 1994, Water for Life.*

*Ministry for the Environment: Cowiconsult: Sewage Master Plan for Malta and Gozo, November 1992.*

*Haisre: Report on Sant Antnin Sewage Treatment Plant (SASTP); Effluent Irrigation System; 1989.*

*Theology Students' Association: The Dove Homing in the Owl's Nest: Peter Serracino Inglott: The Sleeping God: A Reading of Mark 4, 35-41, 1989.*

**KULL QATRA TGHODD.**

**IBŻA' GĦALL-ILMA**